



Dokument ta' sessjoni

B9-0064/2024 }  
B9-0065/2024 }  
B9-0081/2024 }  
B9-0083/2024 }  
B9-0084/2024 }  
B9-0085/2024 } RC1

17.1.2024

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikolu 144(5) u l-Artikolu 132(4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li ġejjin:

B9-0064/2024 (The Left)

B9-0065/2024 (Verts/ALE)

B9-0081/2024 (S&D)

B9-0083/2024 (Renew)

B9-0084/2024 (PPE)

B9-0085/2024 (ECR)

dwar it-Taġikistan: ir-repressjoni mill-Istat fil-konfront tal-media indipendenti  
(2024/2506(RSP))

**Michaela Šojdrová, Andrius Kubilius, Vangelis Meimarakis, Janina Ochojska, Luděk Niedermayer, Vladimír Bilčík, Peter Pollák, Jiří Pospíšil, Ivan Štefanec, Tom Vandenkendelaere, Inese Vaidere**  
f'isem il-Grupp PPE  
**Pedro Marques, Karsten Lucke**

RC\1294565MT.docx

PE756.749v01-00 }  
PE756.750v01-00 }  
PE756.766v01-00 }  
PE756.768v01-00 }  
PE756.769v01-00 }  
PE756.770v01-00 } RC1

f' isem il-Grupp S&D

**Petras Auštrevičius, Izaskun Bilbao Barandica, Olivier Chastel, Bernard Guetta, Svenja Hahn, Georgios Kyrtos, Nathalie Loiseau, Karen Melchior, Javier Nart, Dragoș Pîslaru, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Ramona Strugariu, Dragoș Tudorache, Hilde Vautmans**

f' isem il-Grupp Renew

**Viola von Cramon-Taubadel**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Anna Fotyga, Karol Karski, Angel Dzhambazki, Veronika Vrecionová, Assita Kanko, Anna Zalewska, Elżbieta Kruk, Adam Bielan, Waldemar Tomaszewski, Witold Jan Waszczykowski, Joachim Stanisław Brudziński, Alexandr Vondra, Lars Patrick Berg, Eugen Jurzyca**

f' isem il-Grupp ECR

**Stelios Kouloglou**

f' isem il-Grupp The Left

**Fabio Massimo Castaldo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar it-Taġikistan: ir-repressjoni mill-Istat fil-konfront tal-media indipendenti (2024/2506(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar it-Taġikistan,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 144(5) u l-Artikolu 132(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-funzjoni ta' kontroll demokratiku tal-media indipendenti fit-Taġikistan ilha tonqos fuq bażi kontinwa matul l-aħħar deċennju u l-midja tat-Taġikistan tinsab fl-aġar stat tagħha mill-indipendenza fl-1991;
- B. billi minn Ottubru 2022, l-awtoritajiet ikkundannaw bosta ġurnalisti, inklużi Abdullo Ghurbati, Daler Imomali, Zavqibek Saidamini, Abdusattor Pirmuhammadzoda, Ulfatkhonim Mamadshoeva, Khushruz Jumayev u Khurshed Fozilov, għal bejn seba' u aktar minn għoxrin sena ħabs b'ritaljazżjoni talli koprew kwistjonijiet soċjali u abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż fl-Oblast Awtonomu ta' Gorno-Badakhshan; billi l-“Liġi dwar il-Ġlieda kontra l-Estremiżmu” u l- “Liġi dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu” jintużaw biex jiġu ppersegwitati l-ġurnalisti, kif iddeplorat mill-esperti tan-NU f'Lulju 2023;
- C. billi l-uniċi żewġ aġenziji tal-aħbarijiet indipendenti sinifikanti – Asia-Plus u s-servizz lokali RFE/RL Radio Ozodi – regolarment jiffaċċjaw fastidju u theddid, inklużi akkużi kriminali u diffikultajiet biex jiksbu akkreditazzjoni, b'mod partikolari kontra l-ġurnalist Rustami Joni; billi l-ġurnalisti li jmexxu l-istazzjon indipendenti Azda TV, mill-eżilju jirrapportaw pressjoni kontinwa mis-servizzi tas-sigurtà tat-Taġikistan fuq il-graba tagħhom li jibqgħu fil-pajjiż;
- D. billi l-pressjoni eżerċitata mill-awtoritajiet fuq il-media domestika u l-awtoċensura jiffaċilitaw il-propaganda u d-diżinformazzjoni Russa, b'mod partikolari billi joħonqu l-kopertura tal-gwerra ta' aggressjoni li għaddejja kontra l-Ukrajna;
1. Jikkundanna bil-qawwa r-repressjoni li għaddejja, inkluża l-leġiżlazzjoni kontra l-estremiżmu, kontra l-media indipendenti, il-kritiċi tal-gvern, l-attivisti tad-drittijiet tal-bniedem u l-avukati indipendenti; jikkundanna l-għeluq ta' media u siti web indipendenti, inklużi l-mezzi tal-media online Pamir Daily News, New Tajikistan 2 u Akhbor.com;
2. Jikkundanna l-proċessi kollha politikament motivati u n-nuqqas ta' seduti ta' smiġħ ġusti u pubbliċi minn qrati indipendenti; iħeġġeġ lill-awtoritajiet jieqfu jippersegwitaw lill-ġurnalisti, jeħilsu b'mod immedjat u mingħajr kundizzjonijiet lil dawk li ġew detenuti b'mod arbitrarju u jwaqqgħu l-akkużi kollha kontrihom, iwaqqfu l-persekuzzjoni tal-avukati li jiddefendu lill-kritiċi tal-gvern u jeħilsu lill-avukati tad-drittijiet tal-bniedem Manuchehr Kholiknazarov u Buzurgmehr Yorov;

3. Iħeġġeġ lill-gvern jiżgura li d-detenu ti jkollhom aċċess għal kura tas-saħħa adegwata; jitlob li ssir investigazzjoni bir-reqqa dwar l-allegazzjonijiet ta' trattament ħażin fil-kustodja u ta' konfessjonijiet furzati, u dawk responsabbli jitressqu quddiem il-ġustizzja;
4. Jistieden lill-gvern jiżgura ambjent tax-xogħol sikur għall-ħaddiema tal-media u għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem f'konformità mal-obbligi internazzjonali tat-Taġikistan fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem; itenni li l-ħidma ħielsa u indipendenti tal-media u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili hija element fundamentali ta' kwalunkwe soċjetà demokratika; jinsisti li s-sitwazzjoni tal-libertà tal-espressjoni fit-Taġikistan għandha titqies meta tiġi vvalutata l-applikazzjoni għall-SPĠ+ u għan-negozjar tal-ftehim imsaħħaħ ta' sħubija u kooperazzjoni l-ġdid bejn l-UE u t-Taġikistan;
5. Jistieden lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri jżidu l-appoġġ għas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-ħaddiema tal-media indipendenti fit-Taġikistan, inklużi l-finanzjament u l-viżi għal dawk fil-bżonn ta' protezzjoni;
6. Jistieden lill-istituzzjonijiet internazzjonali biex ikomplu jimmonitorjaw is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fit-Taġikistan;
7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-RGħ/VP, lill-Istati Membri tal-UE, lill-UNHCR u lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tat-Taġikistan.